**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 16 ta' Mejju, 2017.**

**Talba Nru: 481/2016PA**

**GO plc**

**vs**

**Greg Symons**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fis-26 ta' Ottubru 2016 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' sitt mija u sbatax-il Ewro, tmienja u erbgħin ċenteżmu (€617.48ċ) prezz ta' servizzi elettroniċi ta' komunikazzjoni prestati lilu mis-soċjeta' attriċi fuq il-kont numru 40148014, wara li l-istess konvenut baqa' ma ħallasx minkejja li kien debitament interpellat biex jagħmel dan. Is-soċjeta' attriċi talbet ukoll li l-konvenut jiġi kundannat iħallas l-ispejjeż u d-drittijiet, u l-imgħax mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta' attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kont mertu ta' din il-kawza (Dok.'A', fol.2-5); (ii) kopja tal-kuntratt li s-soċjeta' attriċi kellha mal-konvenut (Dok.'B', fol.6-9); (iii) estratt mir-Reġistru Elettorali bl-indirizz tal-konvenut (Dok.'C', fol.10); u (iv) affidavit ta'

Charmaine Wiffen li fih ir-rappreżentanta tas-soċjeta' attriċi ddikjarat li l-ammont mitlub b'din il-kawża huwa dovut mill-konvenut lill-istess soċjeta' attriċi (Dok.'D', fol.11).

Ra li l-konvenut kien debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero' baqa' ma ppreżentax Risposta u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Ra li fl-udjenza tat-2 ta' Mejju 2017, Charmaine Psaila Raji ghas-soċjeta' attriċi ddikjarat bil-ġurament li l-konvenut għadu debitur tas-soċjeta' attriċi fis-somma mitluba, u għar-raġunijiet indikati, f'din il-kawża.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta' attriċi tirriżulta suffiċjentement pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' sitt mija u sbatax-il Ewro, tmienja u erbgħin ċenteżmu (€617.48ċ), bl-imgħax legali u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.D.**
**ĠUDIKATUR**